MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 43/2015

**Emmanuel Galea (K.I. 703738M)**

**vs**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Emmanuel Galea:

Illi bil-prezenti Emmanuel Galea gie notifikat b'ittra ufficjali datata nhar il-21 ta' Novembru 2014 ipprezentata mill-Awtorita' intimata ai termini tal-Artikolu 90(5) u (6) tal-Kap 504, u li permezz taghha gie interpellat ihallas is-somma ta' €3,412.45 rapprezentanti ammont li l-istess Awtorita' intimata qed tallega li huwa dovut b'konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-Avviz ta' Twettieq numru efc693/03 konsistenti fit-twaqqigh u tnehhija ta' kamra minghajr permess ta' zvilupp f'sit gewwa Hay Wharf, il-Floriana.

Illi l-esponent qieghed jopponi ghat-talba kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali stante li huwa ghal kollox estraneu ghall-imsemmi avviz ta' twettieq u ghaldaqstant huwa m'ghandu jhallas l-ebda ammont lill-Awtorita' intimata;

Illi effettivament l-esponent qatt ma bena dan l-imsemmi zvilupp u lanqas ma ta struzzjonijiet lil haddiehor sabiex itella' l-istess zvilupp u li kienet pesuna ohra li kienet tokkupa dan is-sit, kif ser jirrizulta ampjament mis-smiegh u t-trattazzjoni tar-rikors odjern;

Illi ghaldaqstant l-pretensjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-esponent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent jitlob reverentement lil din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, li tiddikjara l-pretensjoni Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hekk kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata l-21 ta' Novembru 2014, bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez.

Rat wkoll ir-risposta ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:

1. Illi mill-qari tar-rikors wiehed jintebah illi l-posizzjoni tar-rikorrent hi li hu ma jridx ihallas dak dovut lill-Awtorita' billi qed isostni li (i) huwa ghal kollox estraneju ghall-imsemmi avviz ta' twettieq u li (ii) 'effettivament l-esponent qatt ma ta struzzjonijiet lil haddiehor sabiex itella' l-istess zvilupp u li kienet persuna ohra li kienet tokkupa dan is-sit'.

2. F'dan ir-rigward, jigi rilevat illi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 90(7) tal-Kap. 504 tista' tintuza <u>biss</u> sabiex ir-rikorrent jikkontesta l-ammont pretiz u mitlub mill-Awtorita' permezz tal-ittra ufficjali numru 3938/14. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jikkontesta <u>l-mertu</u> tal-avviz ta' twettieq fuq il-bazi li l-istess rikorrent huwa 'ghal kollox estraneu ghall-imsemmi avviz ta' twettieq' in kwantu 'qatt ma ta struzzjonijiet lil haddiehor sabiex ittella' l-istess zvilupp'

3. Illi l-avviz ta' twettieq inkwistjoni nhareg fil-25 ta' Novembru, 2003 u kien jirrigwarda l-izvilupp ta' kamra minghajr permess gewwa s-sit Hay Wharf, Floriana, liema avviz gie debitament notifikat lir-rikorrent fil-15 ta' Jannar 2014. Ir-rikorrent kellu kull jedd illi jattakka l-*enforcement notice* mahruga fil-konfront tieghu billi jipprezenta appell mill-istess fi zmien hmistax il-gurnata minn notifika tal-istess avviz, a tenur tal-Artikolu 86(12) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent naqas milli jaghmel dan, u allura llum gie li ssokkomba u accetta l-ordni illi nharget fil-konfront tieghu permezz tal-istess avviz.

4. Illi fi kwalsiasi kaz, u minghajr l-ebda hsara ghall-premess, l-iskop li ghalih jinhareg avviz ta' twettieq huwa dak li titwaqqaf l-illegalita' li tkun giet, jew tkun qed tigi, kommessa, u dan irrispettivament minn min seta ta', jew ma tax, l-istruzzjonijiet sabiex titwettaq tali llegalita'. L-illegalita' f'dan il-kaz kienet tikkonsisti minn kamra mibnija minghajr permess fuq l-art tar-rikorrent. Illi sabiex jintlahaq l-ghan li ghalih jinhareg l-istess avviz, u cioe' sabiex titwaqqaf l-illegalita' kommessa, l-ligi taghti l-jedd lill-Awtorita' li 'tohrog avviz ta' waqfien fuq is-sid tal-art jew fuq l-okkupant tal-art jew fuqhom it-tnejn skont fuq min l-Awtorita' jidhrilha l-aktar espedjenti' (Artikolu 82(2) tal-Kap 504). Fir-rikors tieghu, Emmanuel Galea konvenjentement jaghzel li ma jsemmix (i) li huwa stess ddikjara mal-ufficjali tal-Awtorita', li huwa s-sid tal-art kolpita' bl-*enforcement notice* relattiv, u (ii) li fiz-zmien li fih inhareg l-istess avviz kien ukoll qed jokkupa l-art in kwistjoni (*vide* case officer's report hawn anness). Ghalhekk l-avviz in kwistjoni nhareg in piena konformita' ma dak li jipprovdi l-Artikolu 86 (2) tal-Kap 504, u gie notifikat lil min, skont il-ligi, kellu jigi notifikat. Dan qed jinghad minghajr ebda hsara ghall-fatt illi l-proceduri de quo ma jistghux, u m'ghandhomx, jintuzaw sabiex jigi kkontestat l-*enforcement notice.*

5. Di piu, u dejjem minghajr hsara ghall-fatt illi wiehed ma jistax jibbaza proceduri bhal dawn fuq kontestazzjonijiet rigwardanti l-mertu tal-*enforcement notice,* jigi rilevat illi l-Awtorita' ghandha l-jedd li tirkupra l-ispejjez relattivi ghall-esekuzzjoni ta' avviz ta' twettiq mill-persuna li f'dak iz-zmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, u mhux necessarjament mill-persuna li tkun b'xi mod responsabbli ghall-ghemil indikat fl-avviz. *In effetti* l-Artikolu 90(5) tal-Kap 504 jipprovdi li 'l-ispejjez kollha li ragonevolment isiru mill-Awtorita' biex tesegwixxi avviz ta' twettiq skont dan l-artikolu, jew kull ammont iehor dovut lill-Awtorita' skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-att jew xi regolamenti maghmulin taht l-istess Att, ikunu jistghu jigu rkuprati mill-Awtorita' bhala dejn civili mill-persuna li f'dak

iz-zmien tkun sid l-art, jew tokkupa l-art, jew li b’xi mod tkun responsabbli ghall-ghemil indikat f’xi avviz, inkluz avviz ta’ hlas, jew applikant, bla hsara ghal kull jedd ta’ dik il-persuna li tirkuprahom minghand xi persuna ohra’. Ghaldaqstant, thares minn fejn thares lejh, l-argument tar-rikorrent li huwa m’ghandux jhallas ghaliex skond dak minnu allegat, ‘qatt ma ta struzzjonijiet lil haddiehor sabiex ittella’ l-istess zvilupp’, huwa legalment inammissibbli u ma jista’ qatt jservi bhala l-bazi legali li fuqha jigi kkontestat l-ammont reklamat mill-Awtorita’ permezz tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Novembru 2014.

Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita’ intimata bhala wahda infondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa rikors propost taht il-procedura specjali emergenti mid-dispost tal-artikolu 90 tal-Kapitolu 504 tal-ligijiet ta’ Malta li permezz tieghu l-intimat ghandu zmien ghoxrin jum min-notifika ta’ ittra ufficjali akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata ta’ kap ta’ awtorita’ sabiex jikkontesta it-talba u li fin-nuqqas jitqies li jkun hem titolu ezekuttiv kontra tieghu;

Illi r-rikorrenti kien notifikat b’ittra ufficjali tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex ihallas is-somma ta’ €3,412.45 rapprezentanti spejjez ghall-esekuzzjoni ta’ avviz ta’ twettieq senjatament twaqqigh ta’ struttura illegali kif hemm deskritta. Fuq tali r-rikors, l-Qorti ordnat in-notifika tieghu lill-istess Awtorita’ bi zmien ghoxrin jum ghar-risposta u l-Awtorita’ rregistrat ir-risposta taghha entro it-terminu koncess. Wara dan, il-Qorti appuntant ir-rikors ghas-smiegh ghal-lum izda r-rikorrenti u d-difensuri tieghu baqghu ma dehrux minkejja li kienu msejhin diversi drabi;

Illi f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti, bhala l-persuna li qed tallega li qatt ma kellha tkun msejjha thallas l-ammont pretiz mill-Awtorita', naqas milli jipprova illi qatt ma kellu jkun mitlub jaghmel tajjeb ghal dan it-twaqqigh forzus ghaliex la huwa s-sid, la l-okkupant u anqas persuna interessata fit-termini tal-artikolu 90 tal-Kap 504;

Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qed tichad it-talba tieghu sabiex tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif ravvizata fl-ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 2015 mhix fondata fil-fatt u fid-dritt u per konsegwenza mhix dovuta.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------